MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2015

Numru. 3/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**JEAN PAUL VELLA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JEAN PAUL VELLA,** detentur tal-karta tal-Identita' Numru 73888M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Fil-31 ta' Dicembru 2014 ghall-habta ta' bejn 21:30hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Fairplay li jinsab gewwa Triq is-Santwarju Zabbar flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa aggravat, bil-vjolenza, bil-mezz, bl- ammont li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€2,329.40 - Lm1,000), bil-hin u bil-persuna u dan ghad-detriment tad-diretturi ta' l-imsemmija kumpanija u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Theresa Galea kontra l-volonta' taghha;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra is-sigurta tal-gvern jew kontra persuna (barra minn omicidju involontarju jew offiza fuq il-persuan involontarja) jew delitt ta' serq jew ta' hsara lil propjeta' (barra minn hsara involontarja lil propjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, jew imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali u dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-assistenza legali.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux bzonn assistenza ta’ avukat u l-Qorti spjegat l-import tal-akkuzi lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta’ Jannar 2015 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta’ Jannar 2015.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li:

1. Ir-resfurtiva giet migbura kollha u ser tinghata lura lill-vittma.
2. L-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni kif jidher mill-istatement li qed tigi esebita prezenzjalment.
3. Tramite l-ko-operazzjoni tal-imputat, hija rnexxiela tasal ghall-awtur ta’ dan ir-reat u taqbel li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Illi ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, u minhabba fil-premess, il-Qorti ma thossx illi hija ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 63, 65 86, 261(a)(b)(c) u (d) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat JEAN PAUL VELLA hati tal-akkuzi u tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu provediment fil-konfront tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas xi spejjez in konnessjoni ma’ xi hatra ta’ esperti peress li ma jirrizultaliex li gew nominati xi esperti f’din il-kawza.**

**Inoltre, qieghda tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Theresa Galea billi tobbliga lill-imputat, taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) li ma jimmolestax u ma jingurjax lil din l-istess persuna ghal perjodu ta’ sena mil-lum.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------